Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

**MESSAĠĠ TAL-ARĊISQOF PAWLU CREMONA O.P.**

**FIĊ-ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TAL-VĠILI TA' GĦID IL-ĦAMSIN**

***22 TA' MEJJU 2010***

Kull darba li niltaqgħu bħala komunità nisranija, dejjem niċċelebraw l-imħabba ta' Alla l-Missier. Aħna nemmnu li l-Knisja ssib il-qofol u r-raġuni tagħha fl-imħabba ta' Alla l-Missier lejn kull bniedem, hu min hu, hi min hi, u fl-imħabba li Alla l-imbierek poġġa fuq il-Knisja tiegħu, biex tkun il-medjatrici ta' din l-imħabba.

It-tliet lezzjonijiet tal-lum urewna kemm l-aġenda ta' Alla l-Missier lejn il-bniedem hija qawwija, u hija tqila. Kemm għandu aġenda kbira biex iwettaq dan il-pjan tal-imħabba. Ħa nfakkarkom daqsxejn x'kienet din l-aġenda li aħna smajna.

Fi kliem il-Profeta Eżekjel, *' Jiena nqiegħed ruħi fikom u terġgħu tieħdu l-ħajja*.' '*Inqegħidkom f'artkom, u tkunu tafu li jiena l-Mulej'.*

Fil-Vanġelu minn San Ġwann, Gesù jghid : *'Min hu bil-għatx jiġi għandi u jixrob. Min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj'.*

Fl-ittra lir-Rumani, San Pawl jirreferi ghall-*ħolqien jitniegħed fl-uġigħ tal-ħlas*. Anki aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu. U jerġa' San Pawl: *Alla, li l-ħarsa tiegħu tiġbed il-qlub, jaf x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu*.

Din hija l-aġenda ta' Alla l-Missier, li jurina mħabbtu fil-ġid li jagħmlilna permezz tal-Ispirtu. Aġenda tqila, aġenda iebsa.

Aħna qegħdin hawnhekk, ħuti, għax Alla l-imbierek ried jafda din l-aġenda kollha f'idejna bħala komunità nisranija. Jekk din l-aġenda ta' Alla l-Missier trid titwettaq f'kull post u f'kull żmien, huwa biss jekk il-komunitajiet insara fid-dinja kollha jirnexxilhom jieħdu fuqhom din l-aġenda u jitolbu l-Mulej biex ikun jista jwettaqha permezz tagħhom. Għalhekk inġbarna hawnhekk illum biex nisimgħu din l-aġenda u nagħmluha tagħna.

Imma Alla l-Missier ma qalilniex 'ħa nagħtikom aġenda' u ħalliena waħedna. Hu tana ż-żewġ doni kbar tiegħu fil-kuntest tal-misteru tat-Trinità Qaddisa.

L-ewwel don li tana hu Ibnu, u nafu li meta Sidna Ġesù Kristu ppreżenta lilu nnifsu fis-sinagoga, u fetaħ il-ktieb tal-Profeta Isaija, qal: "l-Ispirtu kkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba". Dan huwa l-ewwel don.

U t-tieni don fi ħdan dan id-don kbir tal-għaqda fit-Trinità Qaddisa huwa l-Ispirtu s-Santu mibgħut lilna mill-Missier u l-Iben kif mwiegħed. Dak hu li aħna qegħdin niċċelebraw f'din il-festa ta' Pentekoste. Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu ma kinetx li jgħallem; għal dan kien diġà ġie Ġesù Kristu. Kienu jafu kollox l-appostli u d-dixxipli li kienu semgħuh. Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-Pentekoste kienet li tbiddel il-persuni minn ġewwa, biex dak li jkunu semgħu, iwettquh bla biża' u bla dubju. Dak hu d-don tal-Ispirtu s-Santu.

U wara li Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema, huwa ta t-tielet don, li huwa d-don tas-saċerdozju ministerjali. Dan id-don jagħtih lill-Knisja, iktar speċifikament jagħtih wkoll lil kull komunità nisranija. Huwa s-saċerdot li jwasslilna d-don ta' Kristu, id-don tal-Ispirtu s-Santu, bid-diversi sagramenti, bid-diversi ħidmiet li jagħmel fil-komunità nisranija.

Mhux hekk rajna f'dawn il-ġimgħat li għaddew wara li aħna ċċelebrajna l-misteru tal-Għid? Fl-Atti tal-Appostli naqraw li dak li għamel Ġesù f'ħajtu komplewh l-appostli wara li tela' s-sema. L-appostli bdew jagħtu l-Ispirtu 'l hawn u 'l hemm, permezz tal-kelma li kienu jxandru. Is-saċerdozju ministerjali jkompli jwettaq din il-ħidma appostolika fi ħdan il-komunità nisranija.

Is-saċerdoti Alla l-Imbierek jipprovdihom fi ħdan il-komunità. Ħa nkun ċar: il-missjoni, l-aġenda hija tal-komunità, imma fi ħdan il-komunità jagħti d-don ta' dawk li huwa għażel bħala presbiteri (saċerdoti) biex imexxuna, idawluna, jagħtuna l-kuraġġ, ħalli din il-missjoni nwettquha lkoll. U tant hu prezzjuz dan id-don li jekk aħna naqraw il-Vanġelu, naraw ftit Sidna Ġesù Kristu x'importanza ta biex jifforma lil dawk lil kellhom ikunu appostli, biex ngħidu hekk, l-ewwel presbiteri li mbagħad saru appostli, illum ngħidulhom isqfijiet, imma li għandhom din il-qawwa tal-medjazzjoni.

Ħa naraw ftit x'kien hemm fil-kelma t'Alla. L-Appostli huma l-uniċi nies li Sidna Ġesù Kristù jgħidilhom personalment il-kelmiet 'ejja warajja'. Hija sejħa ghal kulħadd, imma għall-Appostli hija speċifika - 'imxi warajja'. U riedet tkun speċifika għax il-mixi wara Ġesù ta' dawk li kellhom ikunu appostli kellu jkun speċjali, għax dawk kellhom iħallu x-xbieki u kollox warajhom. Bilfors kellu jsejħilhom personalment, meta huma riedu jħallu tant warajhom biex jimxu warajh.

Fil-Vanġelu hemm bosta siltiet fejn Sidna Ġesù Kristu jgħid lill-appostli: titkellmux dwar dan li qed ngħidilkom għalissa. Tafu għaliex jgħidilhom hekk? Għax l-ewwel ikun irid jifforma lilhom sew, biex meta jasal il-waqt ikunu jistgħu jgħaddu dak li kellimhon fuqu lill-oħrajn. Dan ikunu jistgħu jagħmluh wara li jibagħtilhom l-Ispirtu s-Santu.

Għandna eżempju l-parabbola taż-żerriegħa. Lill-Appostli spjegahielhom aktar fil-profond meta kien waħdu magħhom. Dan għamlu għax huma riedu jwassluha lill-oħrajn.

Naqraw, kemm-il darba, li Sidna Ġesù Kristu lil dawn l-appostli kien imexxihom fit-talb, u jgħid, kultant lil xi wħud minnhom u kultant lill-appostli kollha: ejjew nistrieħu u mmorru quddiem Alla l-Missier, ħalli jkollkom l-esperjenza ta' Sidna Ġesù Kristu fl-għaqda tiegħu mal-Missier, biex jagħtihom esperjenza qawwija. Immaġinaw ftit: tkun quddiem Sidna Ġesu Kristù, li qiegħed f'għaqda mal-Missier.

Immaginaw x'kienu jħossu l-appostli, mhux jgħallimhom did-darba imma jurihom, għax uriehom kemm kellhom bżonn it-talb biex huma jitqawwew fit-talb tagħhom ħalli jmexxu lill-oħrajn.

It-Trasfigurazzjoni. Ħa tlieta minnhom, uriehom il-glorja tiegħu, din id-darba mhux biss bħala bniedem imma bniedem fil-glorja tiegħu, bħala l-Iben t'Alla, u hemmhekk, jaqsam magħhom din l-esperjenza enormi. Għaliex? Għax irid jasal iż-żmien fejn huma jridu jaqsmu l-esperjenza ta' Sidna Ġesù Kristu fil-glorja tiegħu, u mhux biss fl-umanità tiegħu, mal-oħrajn. X'ma jagħtihomx esperjenza speċifika għalihom, lilhom biss! Hekk nifhmu għaliex Alla l-Imbierek għamel wieħed mis-sagramenti għal dan il-għan: l-ordinazzjoni saċerdotali. Permezz ta' dan is-sagrament, is-sacerdoti jingħataw bi grazzja lill-Knisja kollha, biex iwasslu l-Kelma t'Alla wkoll mill-esperjenza personali tal-għaqda tagħhom miegħu.

U din nixtieq ngħidha bħala riflessjoni lis-saċerdoti li qegħdin hawnhekk preżenti.

Kristu, meta kien fostna fid-dinja u kellu l-appostli miegħu, offrielhom dawn l-għajnuniet kollha; dan għamlu mhux għalihom infushom, imma minħabba s-servizz tagħhom li tant hu importanti u kruċjali għall-komunità. Hekk għadu jagħmel magħna s-saċerdoti.

U l-Mulej, lil kull wieħed minna saċerdoti, sejjer ma joffrilniex esperjenzi speċjali? Sejjer ma joffrilniex dwal ġodda kif nifmhu l-kelma t'Alla? Huwa joffrilna esperjenza speċjali li fiha naqbżu dak kollu li jillimitana, li huwa l-materjalità tagħna, biex ikollna relazzjoni personali ma' Alla l-Missier permezz ta' Ġesù.

Imma ħuti, fl-Aħħar Ċena, naraw lil Ġesù lill-Appostli jagħtihom esperjenza speċjali speċifika ta' komunjoni: esperjenza ta' komunjoni miegħu. Aħna mal-ewwel naqbżu għad-don tal-Ewkaristija. Imma mhux biss. L-Ewkaristija seħħet f'ambjent ta' komunjoni intensiva. Meta taqra l-kliem ta' Ġesù, 'Jien kont ili biex nagħmel din l-ikla magħkom', f'dak il-mument tahom togħma ta' komunjoni propju flimkien miegħu madwar l-Ewkaristija.

Il-komunjoni hi don kbir ukoll. U naħseb nistgħu ngħiduha, ħuti: lilna s-saċerdoti, li għandna d-dmir li nibnu komunitajiet, il-Mulej qed jgħidilna li l-ewwel komunità li rridu nibnu hija dik tal-presbiterju, għax hemmhekk se jkollna s-saħħa tal-esperjenza biex aħna ngħadduha lill-oħrajn.

Dan hu don speċjali tal-komunjoni li nemmen li l-Mulej irid jagħtina. Imma Ġesù, fil-ġnien tal-Ġetsemani, meta kien jaf x'qed jaffaċċja, tiftakru kemm qal lill-appostli biex jitolbu miegħu, għax ħassu dgħajjef bħala bniedem. U allura dak kollu li għedna rridu ngħaqqduh ma' din l-aħħar kelma fuq Ġesù. Hu talab lill-oħrajn biex isostnuh bit-talb.

Ħuti, u issa qed ngħid lilkom. Nixtieq li dik it-talba ta' Ġesù nagħmilha talba lilkom ilkoll. Aħna għandna bżonn, bħal Ġesù, li intom titolbu għalina u ssostnuna. Hemm bżonn ħafna li intom titolbu għalina għax tant il-Mulej poġġa fuqna responsabbiltà sabiħa imma diffiċli biex flimkien naqdu l-aġenda ta' Alla l-Missier, li għandna bżonn l-appoġġ u, ngħid, anke l-konsolazzjoni f'kuntest spiritwali – il-konsolazzjoni li Ġesù ried iħoss minn dawk li kienu miegħu fil-ġnien taż-żebbuġ.

Biex nagħlaq, huti, infakkar li qegħdin lejlet Pentekoste, allura għandna din il-kelma li jgħidilna San Pawl: *l-Ispirtu jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna*. U dan jghidu San Pawl. San Pawl jammetti li aħna mhux speċjali, għandna nuqqas ta' ħila. Imma nagħmlu kuraġġ għax għandna l-Ispirtu biex jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna.

U vers ieħor, *l-Ispirtu jidħol fina bit-talb tiegħu, bit-tnehid li ma jitfissirx bil-kliem*. Mhux biss l-espressjonijiet tal-fidi tagħna, imma l-Ispirtu, meta nitolbuh, din id-darba jidħol għalina għax jaf x'għandna bżonn biex jagħtina l-grazzja li għandna bżonn biex naqdu l-missjoni tagħna.

Ħuti, din hija l-missjoni li qed nieħdu fuqna, fuq spallejna, aħna l-presbiteri, u intom ukoll, ħuti mgħammdin, lajċi, bil-qawwa tal-Ispirtu li rcevejna lkoll. Ejjew inħallu l-Ispirtu jaħdem ġewwa fina, biex l-aġenda ta' Alla l-Missier inkunu nistgħu inwettquha, għax din hija responsabiltà tagħna, f'kull raħal jew belt fejn aħna ninsabu.

**+ Pawlu Cremona**

**Arċisqof ta' Malta**